# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors maħluf numru 692/2012/1 JRM**

**Frank u Louise konjuġi Azzopardi**

***v.***

**Carmen Pace f'isimha u f'isem ħuha Antonio *sive* Anthony Calleja u oħtha Emanuela *sive* Nelly mart Chris Lee; John Baptist Calleja; Maria *sive* Mary mart Anthony Formosa; Grace mart Charles Micallef; Kalċidinio Calleja f'ismu u f'isem ħutu Michael John Calleja u Josephine mart Edward Azzopardi; Kalċidon Bonavia; Mary Bonavia; Emmanuela mart Joseph Mallia; Carmen mart Victor Catania; Josephine mart Joseph Cucciardi; Kalcidon Bilocca f'ismu u f'isem Don Micallef, Helen mart John Lindsay u Lilian mart Urs Meyerhans; Joan mart Richard Gauci; Mary mart Angelo Abela; Giorgina mart Emanuel Azzopardi; Agnes mart Mario Micallef; Joseph Micallef; u l-istess Agnes u Joseph Micallef f'isem Charles *sive* Charlie Micallef u ta' Kalċidonio Micallef; Spiridione *sive* Dione Micallef; George Micallef; Maria Dolores mart Joseph Mercieca; Ludgardo *sive* Richard Micallef; Sylvana Micallef; u Stefan Micallef**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza li laqgħet eċċezzjoni tal-konvenuti illi din il-kawża, maħsuba biex timpunja ittra ġudizzjarja magħmula għall-għanijiet tal-art. 166A tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, saret ħażin. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Carmelo Micallef, awtur tal-konvenuti, kien bagħat ittra ġudizzjarja taħt l-art. 166A lill-atturi sabiex jikseb titolu esekuttiv kontrihom għall-ħlas ta’ ħmistax-il elf, erba’ mija u wieħed u sebgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€15,471.20). L-atturi naqsu milli jikkontestaw l-ittra kif igħid l-art. 166A u għalhekk l-ittra saret titolu esekuttiv. L-atturi igħidu illi l-ittra ma tiswiex; igħidu wkoll illi d-dejn pretiż huwa mħallas u illi anke ħallsu aktar milli jmiss. Għalhekk fetħu din il-kawża u talbu illi l-qorti:

   »1. tiddikjara li l-ittra uffiċjali fuq imsemmija hija nulla u bla effett minħabba li l-ġurament meħud minn Carmelo Micallef kien wieħed żbaljat u ma jirriflettix il-verità; u

   »2. sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, f’każ li l-ewwel talba ma tiġix akkolta, tiddikjara li l-kreditu pretiż fl-imsemmija ittra uffiċjali huwa mħallas u konsegwentement mhux dovut;

   »3. tiddikjara li l-atturi ħallsu ammonti *oltre* l-kreditu oriġinali u għalhekk għandhom dritt għal rifużjoni tal-ammont ta’ €14,675 u tikkundanna lill-intimati sabiex solidarjament iħallsu l-istess somma lir-rikorrenti, bl-interessi mid-data tal-ħlas mill-esponenti sad-data ta’ ħlas effettiv lill-esponenti.«

3. Il-konvenuti ressqu eċċezzjoni, fost oħrajn, illi l-proċedura mibdija mill-atturi “hija ineżistenti u għalhkk irritwali u mingħajr bażi legali, u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju”.

4. L-ewwel qorti laqgħet din l-eċċezzjoni u iddeċidiet hekk:

   »Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin bħala mistħoqqa fid-dritt u ssib li l-azzjoni attriċi ma setgħetx titressaq; tastjeni milli tqis it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari; tiċħad it-talbiet attriċi minħabba l-irritwalità tal-azzjoni attriċi; u tordna li l-atturi jħallsu l-ispejjeż tal-kawża.«

5. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Din hija azzjoni maħsuba biex tħassar ittra uffiċjali li nħarġet taħt l-artikolu 166A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (minn issa 'l hemm imsejħa "l-ittra"), li kienet saret eżekuttiva, kif ukoll sabiex jintraddu lura flejjes li ngħad li tħallsu żejjed mill-atturi. L-atturi jgħidu li l-ittra ma tiswiex għaliex min ħalifha biex jgħid li kien għad fadallu jieħu ma kienx qed jgħid is-sewwa billi kulma kien dovut kien tħallas u tħallas aktar minn dak dovut ukoll u għaldaqstant jgħidu li l-ittra ma tgħoddx u ma għandha l-ebda effett. Jgħidu wkoll li ħallsu ammont ferm aktar minn dak dovut, għaldaqstant jitolbu li dan jintradd lura billi jikkostitwixxi arrikiment mhux mistħoqq;
>
> »L-imħarrkin, min naħa l-oħra, jqanqlu eċċezzjonijiet kemm proċedurali kif ukoll fil-mertu. Proċeduralment, jgħidu li l-azzjoni ma hijiex maħsuba fil-liġi billi ma tistax tiġi attakkata l-ittra mertu tal-kawża. … … …
>
> »… … …
>
> »Bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti, jirriżulta li fil-25 ta' April 2003 l-atturi resqu fuq kitba privata mal-miżżewġin Carmelo u Caterina Micallef … … … B'kollox, l-atturi kellhom iħallsu lil Micallef l-ammont ta' tlieta u ħamsin elf u ħames mitt lira maltin (Lm53,500), li minnhom, sa dakinhar li saret il-kitba, kienu tħallsu għaxart elef u tmien mitt lira maltin (Lm10,800).
>
> »L-attur wettaq ħlasijiet oħrajn f'rati ta' elf lira maltija (Lm1,000) fix-xahar fuq medda ta' snin. Skond il-ftehim, sakemm il-ħlas tar-rati jsir f'ħinu, ma kellux jgħaddi mgħax fuq il-bilanċ. L-aħħar ħlas ta' erbat elef lira maltija (Lm 4,000) sar lejn l-aħħar ta' Ottubru tal-2006.
>
> »Fit-23 ta' Mejju 2008 Carmelo Micallef ħareġ l-ittra lill-atturi għall-finijiet tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn talabhom iħallsuh l-ammont ta' ħmistax-il elf, erba' mija u wieħed u sebgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€15,471.20) bħala bilanċ … … … L-atturi naqsu li jwieġbu għall-ittra fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi. L-attur jgħid li kien il-mittent innifsu li kien qallu ma jagħtix każha u li dal-kliem qalulu meta l-attur kien żaru l-isptar.
>
> »Ftit wara Carmelo Micallef miet, u fit-2 ta' Marzu 2010 il-werrieta tiegħu talbu u kisbu l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra l-atturi fuq is-saħħa tal-ittra u għall-istess ammont mitlub fiha, flimkien ma' talba għall-ħlas ta' mgħax fuq is-sorti u spejjeż taxxati marbuta mal-ħruġ tagħha.
>
> »Minn eżami ta' l-irċevuti miżmuma mill-atturi dwar in-negozju li kienu daħlu fih ma' Micallef, wara l-ħruġ tal-mandat u meta reġgħu raw il-karti li kellhom l-atturi ntebħu li kienu ħallsu lil Micallef erbatax-il elf, sitt mija ħamsa u sebgħin euro (€14,675), ekwivalenti għall-ammont ta' sitt elef, u tliet mitt lira maltin (Lm6,300), iżjed minn kemm kellhom jagħtuh. L-attur jistqarr li lil Micallef qatt ma talbu dan l-ammont.
>
> »Fit-18 ta' Marzu 2010 l-atturi ressqu talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għall-finijiet tal-artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex iwaqqgħu l-effett tal-ittra u biex jitolbu lil dik il-

qorti tordna l-ħruġ tal-kontro-mandat għall-mandat eżekuttiv fuq imsemmi. Dik il-qorti ċaħdet dawk it-talbiet permezz ta' sentenza tat-22 ta' Ġunju 2011.

»Fit-12 ta' Lulju 2011 l-atturi appellaw minn dik is-sentenza permezz ta' talba mressqa quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), liema appell ġie miċħud minn dik il-qorti b'sentenza tal-31 ta' Mejju 2012.

»Fl-10 ta' Lulju 2012 l-atturi fetħu din il-kawża.

»… … …

»L-ewwel eċċezzjoni preliminari titkellem dwar l-irritwalità tal-azzjoni attriċi meta qed tattakka l-ittra li l-imħarrkin eċċipjenti jgħidu li ma teżistix jew mhix maħsuba fil-liġi. Huma jisħqu li l-liġi speċjali, kif maħsuba taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, ma tagħtix azzjoni bħal din. L-atturi, min-naħa l-oħra, jilqgħu billi jgħidu li l-bażi legali tal-azzjoni attriċi hija r-rimedju residwali tas-setgħat ġenerali mogħtija lil din il-qorti taħt l-artikolu 32 tal-istess Kodiċi.

»L-eċċezzjoni taħt eżami tintrabat ma' dak li jipprovdi l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ċar li din tintrabat mas-sub-inċiżi (4) u (5) tal-imsemmi artikolu. Filwaqt li s-sub-artikolu (4) jistabbilixxi ż-żmien fi fih ittra uffiċjali tista tiġi kontestata u x'jiġri jekk ma tkunx, is-sub-artikolu (5) jirregola proċedura li tingħata lil min, minkejja li jkun naqas li jwieġeb fiż-żmien għal ittra bħal dik, jitlob it-tħassir tat-titolu eżekuttiv maħluq b'tali ittra (flimkien ma' kull att eżekuttiv maħruġ bis-saħħa ta' titolu bħal dak) jekk kemm-il darba juri li hemm waħda miż-żewġ raġunijiet imsemmija fl-istess sub-inċiż.

»Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-atturi ttantaw li jiksbu dan il-għan bil-proċeduri li nedew kemm quddiem din il-qorti (għalkemm irrinunzjaw għalihom) u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' rikors tat-18 ta' Marzu 2010. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-22 ta' Ġunju 2011 ingħad li, minkejja li l-proċedura speċjali tistabbilixxi l-kriterji li fuqhom wieħed seta' jattakka s-siwi tat-titolu eżekuttiv, l-atturi f'dawk il-proċeduri kienu qegħdin jittantaw jikkontestaw l-ittra fuq il-mertu tal-kreditu pretiż. Ladarba dan ma għamluhx fi żmien tletin jum mogħti lilhom taħt is-sub-inċiż (4), u ladarba r-raġuni miġjuba 'l quddiem minnhom ma kinitx waħda mir-raġunijiet espressament maħsuba fis-sub-inċiż (5), l-atturi ma setgħux aktar iressqu kontestazzjoni għal dik l-ittra (u l-effetti eżekuttivi li joħorġu minnha) f'data wara.

»Jekk wieħed iħares lejn il-premessi u l-ewwel talba attriċi f'din il-kawża, isib li l-atturi għal darb'oħra qegħdin jittantaw jattakkaw is-siwi tal-ittra, billi jorbtu l-kwestjoni mal-ġurament meħud minn Carmelo Micallef fl-ittra bħala wieħed falz fuq il-premessa li messu kien jaf li mhux minnu li kien għad fadallu jieħu mingħandhom.

»Għalkemm din il-qorti għandha s-setgħa ta' ġurisdizzjoni ġenerali li taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali li ma jkunux taħt dispożizzjoni espressa tal-liġi mħollija lil xi qorti oħra, dan irid jitqies fil-limiti imposti fuqha mill-istess liġi. F'dan il-każ hija liġi b'dispożizzjonijiet speċjali regolati bl-artikolu 166A li tirregola l-mod kif kreditur jista' jipproċedi b'azzjoni għall-ħlas ta' dejn, ċert u li għalaq sabiex jikseb titolu eżekuttiv.

»Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-qorti ssib li l-azzjoni attriċi ma tistax trieġi. Fl-ewwel lok, jekk l-atturi nqdew diġà bil-proċedura speċjali maħsuba fil-liġi biex ippruvaw jattakkaw l-ittra, ma jistgħux issa jinqdew bis-setgħa ġenerali ta' din il-qorti biex jitolbu l-istess ħaġa. Dan jingħad, minbarra li bis-sentenzi mogħtijin f'dawk il-proċeduri – u li llum jikkostitwixxu ġudikat fir-rigward tal-istess atturi – kemm l-ittra u kif ukoll il-mandat eżekuttiv maħruġ bis-saħħa tagħha nstabu li kienu jiswew. Fit-tieni lok, il-liġi nnifisha tgħid li "ebda oppożizzjoni, ħlief dik li hemm speċifikament provdut dwarha fis-subartikolu (5)" ma tista' ssir biex twaqqaf il-ħruġ jew l-eżekuzzjoni ta' xi att eżekuttiv bħal dak. Dan ifisser biss li dik id-dispożizzjoni partikolari tal-liġi żżomm milli wieħed jirrikorri għal xi rimedju ieħor taħt id-dispożizzjoni ġenerali tal-artikolu 32 tal-imsemmi Kodiċi. Fit-tielet lok, il-qorti jidhrilha xieraq tgħid li mhux sewwa li debitur iqanqal kwestjonijiet fi proċeduri ta' eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv miksub li seta' jew messu qajjimhom fil-proċedura qabel inħalaq it-titolu eżekuttiv.

»Dan kollu jfisser li l-azzjoni attriċi fir-rigward tal-ittra ma tistax titqies minn din il-Qorti għaliex il-proċedura maħsuba għaliha hija dik taħt l-artikolu 166A u dik il-proċedura diġà hija eżawrita għaliex l-atturi nqdew biha fi proċeduri mnedijin minnhom stess snin ilu.

»Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin hija tajba u sejra tintlaqa'.«

6. L-atturi appellaw b'rikors tal-21 ta' Lulju 2020 li l-konvenuti wieġbu għalih fil-25 t'Awissu 2020.

7. L-aggravju ġew imfissra hekk:

»Biex il-qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha fuq l-ewwel eċċezzjoni, hija sostniet illi r-rimedju mħolli lill-esponenti taħt l-artikolu 32 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili hija wahda [*recte*, ir-rimedju … huwa wieħed] residwali u li fil-każ odjem m'hijiex [*recte*, m'huwiex] applikabbli billi:

»i. l-atturi ma nqdewx bil-proċedura kif setgħu jattakkaw l-ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166A;

»ii. il-liġi stess tgħid li ma jista' jkun hemm l-ebda oppożizzjoni ulterjuri ħlief dik speċifikata fil-liġi;

»iii. mhux xieraq u sewwa li debitur iqajjem kwistjonijiet fi proċeduri ta' eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv meta seta' jew messu qajjimhom fi proċedura qabel ma nħoloq it-titolu eżekuttiv.

»L-esponenti jissottometti li l-qorti naqset milli tagħti importanza għad-diskors li sar bejn l-esponenti u d-*decujus* Carmelo Micallef wara li saret l-ittra uffiċjali,

»Dakinhar l-esponenti rinfaċċa lil Micallef dwar l-ittra uffiċjali u l-istess Micallef għamilha ċara illi hu ma kienx bagħat l-ittra u li *inoltre* l-esponenti kellu jinsa l-effetti tagħha. L-esponenti ha din l-affermazzjoni *in buona fede* u għalhekk serraħ rasu. Kien għalhekk li l-esponenti ma

pproċediex ulterjorment u ma ppreżentax nota *entro* t-terminu ta' tletin ġurnata u dan billi l-esponenti kien ferm konvint dakinhar illi l-kwistjoni kienet solvuta u li ma kien ser isir xejn. Tali ħsieb baqa' affermat mill-fatt illi għal kważi sentejn ma sema' xejn iktar dwar l-istess ittra uffiċjali.

»L-esponenti ntebaħ illi l-eredi ta' Micallef jew ma kinux jafu dwar dak li ġie miftiehem bejn Micallef u l-esponenti wara l-ittra uffiċjali jew jekk kienu jafu għażlu li jinjoraw dak li sar u għalhekk kien proprju meta l-esponenti sar jaf bl-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru li kien opportun għalih li jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu.

»Bejn Azzopardi u Micallef kien hemm relazzjoni ta' ħbiberija u anke relazzjoni kummerċjali li kienet ilha mixja medda ta' snin u qatt ma kien hemm kwistjonijiet bejniethom.

»L-esponenti għarnel referenza għall-ewwel bejgħ li sar bejniethom mhux biex jisvija iżda biex juri illi kien hemm ċertu ħbiberija, fiduċja u familjarità bejn il-partijiet. Di fatti meta Micallef mar l-isptar l-esponenti kien imur jarah regolarment u għalhekk kienet sorpriża fejn dan Micallef qatt ma qal xejn lill-esponenti dwar dan id-dejn li f'daqqa waħda rċieva ittra uffiċjali.

»Ir-reazzjoni immedjata tal-esponenti li jmur ikellem lil Micallef immedjatament turi l-*buona fede* tiegħu u l-fatt li dakinhar stess Micallef qallu biex jinjora l-ittra u ma jagħtix kazha u li sa fejn Micallef ma kienx hu li bagħatha, juri biċ-ċar illi bejn l-esponenti u Micallef ma kienx hemm kwistjonijiet.

»Fid-dawl tal-premess għalhekk din mhijiex sitwazzjoni ta' nuqqas jew kontumelja jew traskuraġni tal-esponenti milli jikkontesta l-ittra uffiċjali iżda hija sitwazzjoni ta' individwu li, *in buona fede*, huwa kien impoġġi f'sens ta' trankwillità u serħan tal-moħħ mill-istess kreditur.

»M'għandux ikun il-każ illi f'sitwazzjonijiet simili l-esponenti li kien *in buona fede* jiġi mqiegħed f'sitwazzjoni illi fuq aspett purament proċedurali jiġi vjetat milli jindirizza l-mertu tas-sitwazzjoni.

»Il-mertu tal-problema hija ċara [*recte*, il-meritu … huwa ċar] u mingħajr ekwivoku. Fil-fatt jirriżulta dokumentat illi l-kreditu mhux talli huwa saldat talli huwa *overpaid* kif jirriżulta mid-dokumenti msemmija. F'dan il-każ huwa evidenti għalhekk illi, meta Micallef ħa l-ġurament fuq imsemmi, dan ma kienx wiehed korrett. L-esponenti mhux qed imur sal-estrem li jgħid li dan sar b'mod frawdolenti iżda huwa ċar u manifest illi meta saret l-ittra uffiċjali l-ġurament relattiv ma kienx wieħed korrett għaliex fil-fatt kien jirriżulta ampjament ipprovat illi l-ammont mitlub kien imħallas u *overpaid.*

»Issa l-ewwel onorabbli qorti qalet illi l-esponenti naqas milli jutilizza l-proċedura apposta taħt l-artikolu 166A u l-liġi stess tgħid illi ebda oppożizzjoni ħlief dik ma hija permissibbli u li m'għandux jitħalla lil debitur javalla ruħu minn proċeduri oħrajn.

»F'dan ir-rigward l-esponenti jissottometti illi għalkemm hemm ċertu loġika dwar dawn l-affermazzjonijiet tal-ewwel onorabbli qorti, xorta waħda jibqa' l-fatt illi l-ewwel onorabbli qorti injorat għal kollox is-sitwazzjoni li l-esponenti sab ruħu fis-sitwazzjoni in kwistjoni għarraġuni li l-istess kreditur għamilha ċara miegħu illi ma kienx qed jagħmel pretensjonijiet fil-konfront tiegħu.

»Tali rinunzja da parti tal-kreditur tat serħan tal-moħħ lill-esponenti li s-sitwazzjoni kienet riżolta u mietet hemm. Kien l-aġir tal-istess kreditur li poġġa lill-esponenti f'din issitwazzjoni u mhux xi nuqqas tal-esponenti.

»Għalhekk l-esponenti jissottometti illi f'sitwazzjonijiet fejn l-istess kreditur li jkun bagħat l-ittra uffiċjali meta rinfaċċat wiċċ imb'wiċċ mid-debitur jagħmel affermazzjoni li l-kreditu m'huwiex dovut, u li l-esponenti m'għandux għalfejn jagħti każ l-ittra, din għandha tingħata ċertu valur. Hija sitwazzjoni inkompatibbli fejn id-debitur jibgħat ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166A, sussegwentement igħid li din għandha tiġi injorata u li l-ammont m'huwiex dovut, imbagħad sussegwentement jagħmel, jew jieħu, proċeduri ta' eżekuzzjoni.

»Meta l-kreditur jagħmel tali pronunzjament u jserraħ moħħ id-debitur li l-ammont m'huwiex dovut, din għandha effett ġuridiku li tannjenta għal kollox l-effetti tal-ittra uffiċjali billi ż-żewġ sitwazzjonijiet m'humiex kompatibbli ma' xulxin u tkun seħħet novazzjoni.

»Għalhekk l-esponenti jtenni illi l-qorti għandha ġurisdizzjoni li tisma' l-mertu tal-proċeduri odjerni u li l-azzjoni m'hijiex irrita u nulla u konsegwentement, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-qorti għandha tiċħad l-ewwel eċċezzjoni u tordna l-prosegwiment tal-proċeduri.«

8. Effettivament, dak li qegħdin jagħmlu l-appellanti huwa li jtennu argumenti kontra l-validità tal-ittra ġudizzjarja, argumenti illi, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, ma jistgħux isiru f'dan l-istadju. Jekk hu tassew minnu dak li jgħidu l-appellanti – illi l-kreditur kien irtira l-pretensjoni tiegħu – dak messu sar b'att ġudizzjarju ieħor kif b'att ġudizzjarju saret il-pretensjoni. Jekk jintlaqa' l-argument tal-atturi illi huma ma mexxewx kif tgħid u trid il-liġi għax qagħdu fuq il-kelma tal-kreditur, it-termini mposti fil-liġi jiġu ma jfissru xejn, għax kull debitur jista' f'kull żmien joħroġ b'allegazzjoni bħal dik tal-atturi. Iżda l-liġi trid ċertezza, u għalhekk hemm dawk it-termini

9. Ladarba nbdew proċeduri ġudizzjarji b'ittra ġudizzjarja, dawk il-proċeduri kellhom jitħassru b'att ġudizzjarju ieħor: jew min-naħa tal-kreditur b'nota ta' rinunzja jew mid-debitur bil-proċedura taħt l-art. 166A, u mhux bil-proċedura li qegħdin jesperimentaw issa l-atturi. Hekk jiġu eliminati kull dubju, kull inċertezza u kull ambigwità. *Dura lex sed lex.*

10. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell.

11. Inċidentalment il-qorti tosserva illi, ladarba l-ewwel qorti qieset il-proċeduri mibdija mill-atturi bħala invalidi, ma kellhiex imbagħad tgħaddi biex tiċħad it-talbiet: dawk it-talbiet ladarba saru bi proċedura li ma tiswiex ma setgħetx tqishom u għalhekk ma setgħetx tiċħadhom; li kellha tagħmel hu li teħles lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju, kif korrettement talbu meta ressqu l-eċċezzjoni. Dan qiegħed jingħad biss *obiter*, biex ma jinħolqux preċedenti żbaljati, ladarba ma sarx appell dwar hekk.

12. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-atturi appellanti.

Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef

Anthony Ellul<br>Imħallef

Deputat Reġistratur<br>da